DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: .............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*3 Att, 1 Xena, p.124 (F)*

## NANNA

**IL-FTIT ĦALIB TA' SIDRI NIXEF QOXQOX.**

*(Ikompli minn p.73.)*

Iva, kellu intenzjoni tajba miskin…

Imma ma' dak il-kliem ħassejt bħal dehxa kiesħa taqsamli ruħi fi tnejn. U demmi kesaħ. Għax dak il-ħin fhimt – fhimt aktar milli basar Dun Pawl. U minn dakinhar il-ftit ħalib ta' sidri nixef qoxqox. U qatt aktar ma stajt inreddgħu aktar.

U minn dakinhar roddejtu lura lil Alla... u tlabtu jieħdu lura. Iva, jieħdu lura... Ifhimni, Sa Petronja! Ipprova ifhimni. Hemmhekk – dakinhar – kont naf – kont diġà tliftu lil Eżra.

Kulma stajt ngħidlu kien: Tista' tmur lura jekk trid! Għax qatt ma messek tkun tiegħi. Roddejtu lura u għidtlu – Mulej, issa tista' tieħdu lura meta tridu! Avolja kien l-ewwel iben tiegħi! Avolja kont naħseb li ma kienx jista' jkolli aktar ulied.

Tajthulu lura... u wara bkejt. Imma qatt iżjed wara dakinhar.

Tifhem issa għaliex ma nistax nerġa' nibkih it-tieni darba, Sa Petronja? Tifhem għala meta Nikol jiġi jgħidli Alla jrid iben ieħor minn tiegħi għall-artali tiegħu jien ma nistax ngħidlu iva? Qatt iżjed! Tifhem, Sa Petronja? *(160)*

PDF p.124

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.